Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

28 ta’ Ottubru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Regolament (UE) Nru 1407/2013 – Artikolu 3 – Għajnuna *de minimis* – Artikolu 6 – Stħarriġ – Impriżi li jaqbżu l-limitu massimu *de minimis* minħabba l-akkumulazzjoni ma’ għajnuna miksuba preċedentement – Possibbiltà ta’ għażla bejn it-tnaqqis jew iċ-ċessjoni ta’ għajnuna preċedenti sabiex jiġi osservat il-limitu massimu *de minimis*"

Fil-Kawża C-608/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tal-20 ta’ Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta’ Awwissu 2019, fil-proċedura

**Istituto nazionale per l’assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL)**

vs

**Zennaro Giuseppe Legnami Sas di Zennaro Mauro & C.,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Wahl (Relatur), President tal-Awla, F. Biltgen u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta’ Ġunju 2020,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Zennaro Giuseppe Legnami Sas di Zennaro Mauro & C., minn A. Santoro u A. Cevese, avukati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. M. De Socio u F. Severi, avvocati dello Stato,

– għall-Gvern Elleniku, minn K. Boskovits u V. Karra, bħala aġenti,

– għall-Gvern Latvjan, minn V. Soņeca u K. Pommere, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Tomat u G. Braga da Cruz, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

MT

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU 2013, L 352, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest tal-kawża bejn l-Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (l-Istitut nazzjonali tal-assigurazzjoni kontra l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, l-Italja) (iktar 'il quddiem l-"INAIL") u Zennaro Giuseppe Legnami Sas di Zennaro Mauro & C. (iktar 'il quddiem il-"kumpannija Zennaro") dwar ir-rifjut ta' INAIL li jħallas finanzjament mogħti favur il-kumpannija Zennaro minħabba li jwassal għall-qbiż tal-limitu massimu ta' EUR 200 000 fuq perijodu ta' tliet snin fiskali previst mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1407/2013 (iktar 'il quddiem il-"limitu massimu *de minimis*").

## Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessi 3, 10, 21 u 22 tar-Regolament Nru 1407/2013 jistabbilixxu:

"(3) Huwa xieraq li jinżamm il-limitu massimu ta' EUR 200 000 għall-ammont ta' għajnuna *de minimis* li impriża waħda tista' tirċievi għal kull Stat Membru matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Dak il-limitu jibqa' meħtieġ sabiex jiżgura li kwalunkwe miżura li taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament tkun tista' titqies li ma jkollha l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li ma tfixkilx jew ma tkunx ta' theddida li tfixkel il-kompetizzjoni.

[…]

(10) Il-perjodu ta' tliet snin li għandu jiġi kkunsidrat għar-iskopijiet ta' dan ir-Regolament għandu jkun ivvalutat fuq bażi rotanti sabiex, għal kull għotja ġdida ta' għajnuna *de minimis*, ikun jeħtieġ li jiġi kkunsidart l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija fis-sena fiskali kkonċernata kif ukoll matul is-sentejn fiskali ta' qabel.

[…]

(21) Il-Kummissjoni għandha d-dover li tiżgura li r-regoli ta' għajnuna mill-Istat jiġu imħarsa u jkunu konformi mal-prinċipju ta' koperazzjoni fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-twettiq ta' dan il-kompitu billi jistabbilixxu l-għodod meħtieġa sabiex jiżguraw li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lill-istess impriża taħt ir-regola *de minimis* ma jaqbiżx il-limitu massimu kumplessiv permissibbli. Għal dak l-għan, meta l-Istati Membri jagħtu għajnuna *de minimis*, għandhom jinfurmaw lill-impriża kkonċernata dwar l-ammont tal-għajnuna *de minimis* mogħtija u l-karattru *de minimis* tagħha u għandhom jirreferu b'mod espliċitu għal dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jimmonitorjaw l-għajnuna mogħtija biex jiżguraw li ma jinqabżux il-limiti massimi rilevanti u li jiġu mħarsa r-regoli dwar l-akkumulazzjoni. Biex jikkonforma ma' dak l-obbligu, qabel l-għoti ta' għajnuna bħal din, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikseb dikjarazzjoni mingħand l-impriża dwar għajnuna oħra *de minimis* koperta minn dan ir-Regolament jew minn regolamenti *de minimis* oħrajn li rċeviet matul is-sena fiskali kkonċernata jew fis-sentejn fiskali

ta' qabel. B'mod alternattiv, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jħejju reġistru ċentrali b'informazzjoni kompluta dwar għajnuna *de minimis* mogħtija u li jivverfikaw li kwalunkwe għotja ġdida ta' għajnuna ma taqbiżx il-limitu massimu rilevanti.

(22) Qabel ma tingħata għajnuna *de minimis* kull StatMembru għandu jivverifika li l-limitu massimu *de minimis* ma jinqabiżx f'dak l-Istat Membru minħabba l-għajnuna *de minimis* ġdida […]".

4 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Għajnuna *de minimis*", jipprovdi:

"1. Il-miżuri ta' għajnuna jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għaldaqstant ikunu eżentati mill-ħtieġa tan-notifika fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna totali *de minimis* mogħtija lil kull Stat Membru lil xi impriża waħda m'għandhiex tkun iktar minn EUR 200 000 fuq kwalunkwe perijodu ta' tliet snin fiskali.

[…]

4. L-għajnuna *de minimis* għandha titqies li tkun ingħatat fil-mument li l-impriża tingħata d-dritt legali li tirċievi dik l-għajnuna skont ir-reġim legali nazzjonali applikabbli indipendentement mid-data tal-ħlas tal-għajnuna *de minimis* lill-impriża.

5. Il-limiti stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw indipendentement mit-tip ta' għajnuna *de minimis* […]. Il-perjodu ta' tliet snin fiskali għandu jiġi ddeterminat b'referenza għas-snin fiskali użati mill-impriża fl-Istat Membru kkonċernat.

6. Għall-iskopijiet tal-limiti stipulati fil-paragrafu 2, kull għajnuna għandha tkun espressa bħala għotja ta' flus. Iċ-ċifri kollha użati għandhom ikunu grossi, jiġifieri, qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ta' xi tariffi oħrajn. Fejn għajnuna tingħata f'forma oħra differenti minn għotja, l-ammont ta' għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti tal-għajnuna bħala għotja grossa.

Għajnuna pagabbli f'għadd ta' pagamenti għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. Ir-rata tal-interessi li għandha tintuża għal skopijiet ta' skont għandha tkun ir-rata ta' referenza applikabbli fil-mument li tingħata l-għajnuna.

7. Fejn il-limitu massimu rilevanti stabbilit fil-paragrafu 2 jinqabeż permezz tal-għotja ta' għajnuna ġdida *de minimis*, l-ebda waħda mill-għajnuna l-ġdida ma tista' tibbenefika minn dan ir-Regolament.

[…]"

5 L-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, intitolat "Monitoraġġ", jipprevedi:

"1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jagħti għajnuna *de minimis* skont dan ir-Regolament lil impriża, huwa jinforma lil dik l-impriża bil-miktub dwar l-ammont tal-għajnuna espressa bħala għotja grossa ekwivalenti u dwar in-natura *de minimis* tagħha, […]. Qabel jagħti l-għajnuna, l-Istat Membru jikseb mingħand l-impriża konċernata dikjarazzjoni, bil-miktub jew f'forma elettronika, dwar kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li tkun ingħatatilha skont dan ir-Regolament jew skont regolamenti *de minimis* oħrajn matul is-sentejn fiskali ta' qabel u fis-sena fiskali attwali.

2. Meta Stat Membru jkun ħejja reġistru ċentrali ta' għajnuna *de minimis* li jkun fih informazzjoni kompluta dwar l-għajnuna kollha *de minimis* mogħtija minn kwalunkwe awtorità fi dak l-Istat Membru, il-paragrafu 1 ma jibqax japplika aktar mill-mument li r-reġistru jkun ikopri perjodu ta' tliet snin fiskali.

3. Stat Membru għandu jagħti għajnuna *de minimis* ġdida skont dan ir-Regolament biss wara li jkun ivverifika li dan ma jżidx l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lill-impriża kkonċernata b'mod li jwassal għal livelli ogħla mil-limitu massimu rilevanti stipulat fl-Artikolu 3(2) u li l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament ikunu ġew imħarsa.

4. L-Istati Membri għandhom iżommu dokumenti li fihom jirrieġistraw u jiġbru l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawk id-dokumenti għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jintwera li l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu ġew imħarsa. Id-dokumenti bl-informazzjoni dwar l-għajnuna *de minimis* individwali jinżammu għal perjodu ta' 10 snin fiskali mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna. Id-dokumenti bl-informazzjoni dwar skema ta' għajnuna *de minimis* jinżammu għal perjodu ta' 10 snin fiskali mid-data li fiha tkun ingħatat l-aħħar għajnuna individwali skont dik l-iskema.

5. B'talba bil-miktub, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, [...] l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis meħtieġa biex tanalizza jekk il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunux ġew rispettati, u b'mod partikolari l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* [...] li tkun irċeviet xi impriża."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Il-kumpannija Zennaro teżerċita attività fis-settur tal-injam u tal-prodotti derivati minnu. Fis-16 ta' Ġunju 2014, hija ppreżentat talba għal finanzjament quddiem l-INAIL intiża għall-għoti ta' sussidju previst mill-qafas tal-avviż pubbliku tal-INAIL tal-2013 li kellu bħala suġġett "inċentivi għall-impriżi għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq ix-xogħol" (iktar 'il quddiem l-"avviż pubbliku").

7 Il-proċedura dwar is-sejħa għal proġetti, irregolata minn dan l-avviż pubbliku, kienet tipprevedi erba' fażijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, it-trażmissjoni telematika tat-talbiet, it-tieni nett, it-trażmissjoni tad-dokumentazzjoni li tiffinalizza t-talba, it-tielet nett, il-verifika mill-INAIL tad-data trażmessa u l-ammissjoni tat-talba, kif ukoll, fl-aħħar nett, ir-raba' nett, l-istruzzjoni u r-redazzjoni ta' rapport li jippermetti l-ħlas effettiv tas-sussidju. Matul din l-aħħar fażi, l-impriża kellha tipprovdi dikjarazzjoni msejħa "*de minimis*" li turi l-eliġibbiltà tagħha għas-sussidju għall-ammont mitlub. Fin-nuqqas ta' tali eliġibbiltà, l-għajnuna li kienet ingħatat lilha kellha tiġi rrevokata.

8 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2014, l-INAIL innotifika lill-kumpannija Zennaro l-ammissjoni tal-proġett għal ammont ta' EUR 130 000, flimkien mal-possibbiltà li jinkiseb ħlas bil-quddiem, li ġie effettivament mitlub, ta' EUR 65 000, bla ħsara għall-preżentazzjoni minn qabel ta' garanzija bankarja.

9 Madankollu, matul il-proċedura kien jidher li, fl-1 ta' Awwissu 2014, il-kumpannija Zennaro, li ltaqgħet ma' impriżi oħra f'assoċjazzjoni temporanja, kienet ġiet ammessa mir-Regione Veneto (ir-Reġjun ta' Veneto, l-Italja) għall-benefiċċju ta' sussidju ieħor għal ammont totali ta' EUR 64 483.91, li tħallas lilha. Barra minn hekk, din il-kumpannija kienet kisbet ukoll finanzjament pubbliku ieħor għal ammont ta' EUR 18 985.26. Il-qorti tar-rinviju tesponi li ż-żieda ta' dawn iż-żewġ somom mal-ammont ta' EUR 130 000 aċċettat mill-INAIL kienet twassal għal somma ta' EUR 213 469.17 u wasslet sabiex jinqabeż il-limitu massimu *de minimis*.

10 Permezz ta' ittra tat-12 ta' Ġunju 2015, il-kumpannija Zennaro talbet lill-INAIL jekk, għall-finijiet tagħha li tevita tali qbiż, kien ikunx hemm lok jew li l-ammont tas-sussidju jitnaqqas fil-fażi ta' stabbiliment tar-rapport, jew li jiġi ppreżentat varjant tal-proġett, bil-għan li jitnaqqas l-ammont tal-proġett previst u, konsegwentement, dak tas-sussidju.

11 Peress li ma rċevietx risposta għal din l-ittra, il-kumpannija Zennaro, permezz ta' posta elettronika tat-12 ta' Awwissu 2015, għażlet it-tieni soluzzjoni, billi ppreżentat lill-INAIL varjant tal-proġett li kien inaqqas l-ispiża globali għal EUR 171 386.40 u, konsegwentement, naqqset l-ammont tas-sussidju għal EUR 111 401.16.

12 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-5 ta' Ottubru u tat-18 ta' Novembru 2015, l-INAIL, filwaqt li ddeċieda li l-varjant tal-proġett kien ammissibbli mill-perspettiva teknika, qies li ma setax jaċċetta l-kumpannija Zennaro għall-benefiċċju ta' dan il-finanzjament, u eskluda li dan seta' jagħtih parzjalment, ħlief jekk din tirrinunzja kompletament għall-finanzjament preċedenti. Fit-tieni deċiżjoni, l-INAIL b'hekk indika li "s-sussidju jista' jitħallas biss bil-kundizzjoni li l-impriża tirrinunzja għas-sussidju preċedenti mogħti minn entità oħra".

13 Il-kumpannija Zennaro għalhekk adixxiet it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Veneto, l-Italja) b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tat-18 ta' Novembru 2015.

14 Permezz ta' posta elettronika ċċertifikata tas-27 ta' April 2016, il-kumpannija Zennaro bagħtet lill-INAIL id-dokumentazzjoni li tikkonferma li hija kienet irrinunzjat għas-sussidju mħallas mir-Reġjun ta' Veneto, fl-ammont ta' EUR 15 000, mogħti lill-membri l-oħra tal-assoċjazzjoni temporanja, u b'hekk stabbilixxiet li l-għajnuna mill-Istat irċevuta ma kinitx teċċedi l-limitu massimu *de minimis*.

15 Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2016, l-INAIL ikkonferma li huwa ma setax, minħabba l-ammont tas-sussidju mitlub, jipproċedi għall-ħlas tiegħu, peress li s-somma tat-tliet finanzjamenti pubbliċi kienet imbagħad taqbeż il-limitu *de minimis* u li ħlas parzjali tas-sussidju kien imur kontra l-Artikolu 3(7) tar-Regolament Nru 1407/2013. Filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni l-elementi li jistabbilixxu r-rinunzja għas-sussidju reġjonali preċedenti u d-distribuzzjoni mill-ġdid tiegħu lill-membri l-oħra tal-assoċjazzjoni temporanja, l-INAIL ikkontesta r-rilevanza tagħha, filwaqt li ppreċiża li "ma jidhirx li din l-impriża rrinunzjat u ħallset lura s-sussidju preċedentement irċevut lill-entità li ħallsitu u [li] d-distribuzzjoni mill-ġdid tiegħu bejn il-membri tal-assoċjazzjoni temporanja hija irrilevanti". Għal dawn ir-raġunijiet, l-INAIL talab il-ħlas lura tal-ħlas bil-quddiem ta' EUR 65 000 diġà mħallas, taħt piena li jitlob l-eżekuzzjoni tal-garanzija bankarja.

16 Fis-26 ta' Ġunju 2016, permezz ta' motivi addizzjonali, il-kumpannija Zennaro talbet ukoll l-annullament tad-deċiżjoni tal-INAIL tas-6 ta' Ġunju 2016.

17 Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Veneto) laqgħet ir-rikors tal-kumpannija Zennaro, fid-dawl tal-opinjoni espressa mid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (DG COMP) bi tweġiba għal mistoqsija li l-kumpannija Zennaro kienet għamlitlu dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Nru 1407/2013. Fir-risposta tiegħu, id-DG COMP irrileva li s-sussidju seta' jiġi proporzjonalment imnaqqas mill-entità pubblika responsabbli mill-ħlas tiegħu, sabiex jiġi osservat il-limitu *de minimis*, u li kienu l-awtoritajiet nazzjonali li kellhom jagħżlu l-għażla pprivileġġata, peress li ż-żewġ soluzzjonijiet – dik tat-tnaqqis proporzjonali u dik taċ-ċaħda integrali tas-sussidju – kienu teoretikament konformi ma' dan ir-regolament.

18 Għalhekk, skont dik il-qorti, "l-interpretazzjoni mogħtija mill-[INAIL] tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament Nru 1407/2013, dwar l-inammissibbiltà tat-tnaqqis tal-finanzjament sa massimu stabbilit mill-imsemmi regolament għal EUR 200 000, minkejja li teoretikament konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna *de minimis*, kellha, sabiex tkun tista' tiġi debitament applikata f'dan il-każ, tkun espressament prevista fl-[avviż pubbliku]", b'mod partikolari bl-għan ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-parteċipanti. B'hekk hija qieset li r-restrizzjonijiet opposti mill-INAIL kienu, għall-kuntrarju, imprevedibbli fid-dawl tal-kriterji esposti fl-avviż pubbliku u setgħu "jiġu mibdula

fid-dawl ta' interpretazzjoni inqas restrittiva mill-perspettiva formali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u iktar koerenti mal-għan [tal-avviż pubbliku] 'li l-impriżi jiġu mħeġġa jimplimentaw proġetti intiżi sabiex itejbu l-livelli ta' saħħa u ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol'".

19 L-INAIL appella minn dik is-sentenza quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja).

20 L-INAIL isostni, billi jibbaża ruħu, b'mod partikolari, fuq qari flimkien tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2), (4) u (7) tar-Regolament Nru 1407/2013, li l-għajnuna *de minimis* għandha tiġi kkunsidrata bħala mogħtija fil-mument meta d-dritt legali li tirċeviha jingħata lill-impriża, indipendentement mill-ħlas effettiv tagħha. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu rekwiżiti imperattivi direttament applikabbli fl-ordinament ġuridiku nazzjonali. Konsegwentement, l-osservanza tal-limitu *de minimis* għandha tiġi vverifikata fil-mument tal-għoti tas-sussidju, jiġifieri, f'dan il-każ, matul il-fażi ta' ammissjoni tal-applikazzjoni. Korrezzjonijiet eventwali min-naħa tal-applikant għandhom għalhekk jiġu introdotti matul din il-fażi.

21 Il-kumpannija Zennaro tikkontesta l-interpretazzjoni proposta mill-INAIL. L-ewwel nett, hija ssostni li d-dispożizzjonijiet tal-avviż pubbliku huma l-uniċi applikabbli peress li mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament Nru 1407/2013 jirriżulta li hija l-"iskema legali nazzjonali applikabbli" li għandha tiddetermina l-mument li fih "l-impriża għandha d-dritt legali li tirċievi din l-għajnuna". It-tieni nett, hija ssostni li l-Artikolu 6(5) ta' dan ir-regolament, li jirrigwarda l-obbligu ta' Stat Membru li jikkomunika lill-Kummissjoni kull informazzjoni li din tal-aħħar tqis neċessarja, ikopri l-għajnuna kollha effettivament irċevuta mill-impriża, u mhux biss dik mogħtija abbażi tal-ewwel att ta' għoti. Fl-aħħar nett, it-tielet nett, hija tqis li l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-għajnuna *de minimis* ma ġietx adottata sabiex tippenalizza l-impriżi, iżda sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv fil-każ ta' għajnuna b'ammont limitat, u li l-interpretazzjoni stretta proposta mill-INAIL twassal għal applikazzjonijiet li jippenalizzaw u li jmorru kontra l-ispirtu ta' din il-leġiżlazzjoni.

22 Il-Qorti tar-rinviju hija tal-opinjoni li ż-żewġ interpretazzjonijiet previsti mill-partijiet fil-kawża prinċipali jistgħu jiġu aċċettati. Minn naħa, dik invokata mill-INAIL hija iktar favorevoli għal ġestjoni fluwida tal-iżvolġiment tal-proċedura, peress li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-sussidju huma eżaminati biss fil-mument tal-ammissjoni tat-talba. Min-naħa l-oħra, dik invokata mill-kumpannija Zennaro tippermetti ftuħ wiesa' tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-sussidju, inkluż għal kompetituri li, għalkemm għad ma għandhomx iċ-ċertezza tal-ammissjoni tagħhom, ma humiex f'pożizzjoni li jbiddlu t-talba tagħhom sabiex ma jaqbżux il-limitu massimu. Fil-fatt, il-ġestjoni ta' eventwali modifiki tat-talba għal finanzjament tkun iktar diffiċli li tiġi implimentata jekk din issir matul il-fażi istruttorja tagħhom, peress li l-ordni ta' klassifikazzjoni stabbilita sa dak iż-żmien tiġi affettwata.

23 Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1407/2013, il-qorti tar-rinviju tirrileva, l-ewwel nett, li l-Artikolu 3(4) ta' dan ir-regolament, li jgħid li l-għajnuna għandha titqies li hija "mogħtija fiż-żmien meta d-dritt legali li tirċievi dik l-għajnuna jingħata lill-intrapriża [...], tkun xi tkun id-data tal-ħlas tal-għajnuna", minn naħa, ma jidhirx li huwa irrikonċiljabbli ma' skema proċedurali li fiha l-ewwel fażi ta' ammissjoni tiġi segwita minn istruzzjoni iktar żviluppata, li fi tmiemha d-dritt għas-sussidju jista' finalment jiġi kkunsidrat bħala "konċess". Min-naħa l-oħra, din l-istess dispożizzjoni tippreċiża li l-ipoteżi tal-għajnuna "mogħtija" tinftiehem "skont is-sistema legali nazzjonali applikabbli", li jagħti x'wieħed jifhem li din l-iskema tista' tikkorrispondi għal skemi proċedurali differenti, li ma humiex iddeterminati minn qabel. Sussegwentement, hija tirrileva li, skont l-Artikolu 6(3) tal-imsemmi regolament, il-ħlas tal-għajnuna jseħħ wara l-verifika tal-osservanza tal-limitu, li jista' wkoll iwassal sabiex jiġi kkunsidrat li huwa biss wara li ssir tali verifika li d-dritt li jiġi rċevut is-sussidju "mogħti" definittivament. Fl-aħħar nett, mill-kliem tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 6(1) ta' dan l-istess regolament, b'mod partikolari mir-riferiment għal "għajnuna *de minimis* oħra li tkun ingħatatilha", jirriżulta li d-dikjarazzjoni għandha tidentifika l-għajnuna kollha rċevuta. Għandu jiġi ddeterminat jekk id-deċiżjoni ta' rinunzja għal sussidju preċedenti għandhiex neċessarjament isseħħ qabel ma dan jitħallas fiżikament.

24 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-regoli fil-qasam tal-għoti tal-għajnuna li jinsabu fl-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 1407/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-impriża li tagħmel it-talba u li taqbeż il-limitu massimu awtorizzat minħabba l-kumulu mal-assistenza finanzjarja preċedenti, tista' tagħżel, sal-ħlas effettiv tal-assistenza finanzjarja mitluba, it-tnaqqis tal-finanzjament (permezz ta' emenda jew ta' varjant tal-proġett) jew ir-rinunzja (sħiħa jew parzjali) għal assistenzi finanzjarji preċedenti, possibbilment diġà riċevuti, sabiex tosserva l-imsemmi limitu massimu?

2) U dawn l-istess dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-diversi għażliet ippreżentati (varjant jew rinunzja) huma validi anki jekk dawn ma humiex previsti b'mod espress mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew mill-avviż pubbliku dwar l-għoti tal-għajnuna?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

25 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1407/2013 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li impriża, li l-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha jipprevedi li jagħtiha għajnuna *de minimis* li, minħabba l-eżistenza ta' għajnuna preċedenti, twassal l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lil din l-impriża lil hinn mil-limitu *de minimis*, tista' tagħżel, sal-ħlas effettiv ta' din l-għajnuna, it-tnaqqis tal-finanzjament meħtieġ jew ir-rinunzja, sħiħa jew parzjali, għal għajnuna preċedenti li diġà ngħatat, sabiex ma taqbiżx dan il-limitu massimu.

26 Għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1407/2013 għandhom jibqgħu fil-kuntest ta' dan ir-regolament li għandu l-għan li jippermetti deroga, għall-għajnuna mill-Istat ta' ammont limitat, mir-regola li tgħid li kull għajnuna għandha, qabel kull implimentazzjoni, tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2018, ZPT, C-518/16, EU:C:2018:126, punti 50 u 51).

27 Minn dan isegwi li kemm l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, li għandu l-għan li jiddefinixxi l-għajnuna *de minimis* li tidderoga mill-prinċipju stabbilit mit-Trattat tal-projbizzjoni tal-għajnuna, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, li jirrigwarda l-istħarriġ imwettaq mill-Istati Membri meta tingħata tali għajnuna, għandhom jiġu interpretati b'mod strett.

28 Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha kif ukoll l-għanijiet imfittxija mill-att li minnu hija tagħmel parti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2019, BGL BNP Paribas, C-548/18, EU:C:2019:848, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kliem tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tar-Regolament Nru 1407/2013, għandu jiġi enfasizzat, l-ewwel nett, li, minn naħa, l-Artikolu 3(7) ta' dan ir-regolament jipprevedi li, "[j]ekk il-limitu massimu [*de minimis*] rilevanti stabbilit fil-paragrafu 2 jinqabeż permezz tal-għotja ta' għajnuna ġdida *de minimis*, l-ebda waħda mill-għajnuna l-ġdida ma tista' tibbenefika [mir-Regolament Nru 1407/2013]". Mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-mument li fih għandu jiġi evalwat jekk l-akkumulazzjoni ma' għajnuna oħra *de minimis* teċċedix il-limitu *de minimis* huwa dak tal-"għoti" tal-għajnuna.

30 Min-naħa l-oħra, mill-kliem tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament Nru 1407/2013 jirriżulta wkoll li l-għajnuna *de minimis* titqies li "tkun ingħatat fil-mument li l-impriża tingħata d-dritt legali li tirċievi dik l-għajnuna skont ir-reġim legali nazzjonali applikabbli indipendentement mid-data tal-ħlas tal-għajnuna *de minimis* lill-impriża".

31 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, abbażi tad-dritt nazzjonali applikabbli, il-mument li fih l-imsemmija għajnuna għandha titqies li ngħatat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Marzu 2013, Magdeburger Mühlenwerke, C-129/12, EU:C:2013:200, punti 40 u 41, kif ukoll tas-6 ta' Lulju 2017, Nerea, C-245/16, EU:C:2017:521, punti 32 u 33).

32 Għal dan il-għan, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet kollha imposti mid-dritt nazzjonali għall-għoti tal-għajnuna inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, Magdeburger Mühlenwerke, C-129/12, EU:C:2013:200, punt 41).

33 Konsegwentement, f'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina d-data tal-għoti tal-għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-avviż pubbliku u, jekk ikun il-każ, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għalih (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Marzu 2013, Magdeburger Mühlenwerke, C-129/12, EU:C:2013:200, punt 40, u tas-6 ta' Lulju 2017, Nerea, C-245/16, EU:C:2017:521, punt 32).

34 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm id-determinazzjoni tad-data tal-għoti ta' għajnuna tista' tvarja skont in-natura tal-għajnuna inkwistjoni, peress li għajnuna ma tingħatax abbażi ta' skema multiannwali, din ma tistax, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, titqies li ngħatat fid-data tal-ħlas tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 82).

35 It-tieni nett, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1407/2013 dwar il-kontroll eżerċitat mill-Istati Membri sabiex ir-regoli fil-qasam tal-kumulu jiġu osservati, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament, li jipprevedi li, meta Stat Membru jkun stabbilixxa reġistru ċentrali ta' għajnuna *de minimis* li jinkludi informazzjoni dwar l-għajnuna kollha mogħtija mill-awtoritajiet differenti tiegħu, l-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament ma jibqax japplika, ma huwiex applikabbli għall-kawża prinċipali. Fil-fatt, ir-reġistru ċentrali tal-għajnuna *de minimis* ġie implimentat mir-Repubblika Taljana biss mit-12 ta' Awwissu 2017, jiġifieri data wara t-talba għal għajnuna inkwistjoni.

36 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-Artikolu 6(1) u (3) tar-Regolament Nru 1407/2013, dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu li "[q]abel jagħti l-għajnuna, l-Istat Membru jikseb mingħand l-impriża konċernata dikjarazzjoni [...] dwar kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li tkun ingħatatilha [...] matul is-sentejn fiskali ta' qabel u fis-sena fiskali attwali" u li fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha minbarra l-verżjoni Taljana "Stat Membru għandu jagħti għajnuna *de minimis* ġdida [...] biss wara li jkun ivverifika li dan ma jżidx l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lill-impriża kkonċernata b'mod li jwassal għal livelli ogħla mil-limitu massimu [*de minimis*]". Għalhekk, minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta b'mod ċar li l-kontroll eżerċitat mill-Istati Membri sabiex ir-regoli fil-qasam tal-kumulu jiġu osservati għandu jseħħ "[q]abel jagħti l-għajnuna".

37 Din l-interpretazzjoni ma hijiex invalidata mill-fatt li, fil-verżjoni Taljana biss tal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, huwa indikat li Stat Membru ma "jħallasx" (eroga) għajnuna ġdida, filwaqt li l-verżjonijiet l-oħra kollha jużaw verb li jikkorrispondi, bil-lingwa Taljana, għall-verb "jagħti" (concedere). Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont, b'mod partikolari, l-istruttura ġenerali tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat), C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 88 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Issa, il-premessi 21 u 22 tal-imsemmi regolament – li jirreferu, essenzjalment, għall-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu 6 – jużaw, fil-verżjoni Taljana tagħhom,

rispettivament, it-termini *aiuti concessi* ("għajnuna mogħtija") u *prima di concedere* ("qabel l-għoti") rispettivament. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 1407/2013 jirriżulta minn żball ta' traduzzjoni tal-verżjoni Taljana ta' din id-dispożizzjoni.

38 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li jaqgħu fih l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1407/2013, għandu jiġi kkonstatat li dan ma jinkludix dispożizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom l-impriżi rikorrenti jistgħu, jekk ikun il-każ, jemendaw it-talba tagħhom għal għajnuna, billi jnaqqsu l-ammont tagħha jew billi jirrinunzjaw għal għajnuna preċedenti, sabiex josservaw il-limitu *de minimis*.

39 Għaldaqstant, peress li, skont l-Artikolu 3(4) ta' dan ir-regolament, l-għoti tal-għajnuna huwa rregolat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fir-rigward tad-determinazzjoni tal-proċedura għall-għoti ta' tali għajnuna.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-premessa 21 tal-imsemmi regolament tipprevedi li, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-osservanza tar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat "billi jistabbilixxu l-għodod meħtieġa sabiex jiżguraw li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lill-istess impriża taħt ir-regola *de minimis* ma jaqbiżx il-limitu massimu kumplessiv permissibbli".

41 Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda l-għanijiet tar-Regolament Nru 1407/2013, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni *de minimis* hija intiża sabiex tissemplifika l-piż amministrattiv tal-impriżi, tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-310/99, EU:C:2002:143, punt 94), billi titlaq mill-prinċipju, imfakkar fil-premessa 3 ta' dan ir-regolament, li l-għajnuna ta' ammont li ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u ma hijiex ta' natura li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

42 Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, il-possibbiltà li għandhom l-Istati Membri li jagħtu lill-impriżi applikanti d-dritt li jemendaw l-applikazzjoni tagħhom għal għajnuna sakemm tingħata din l-għajnuna, billi jitnaqqas l-ammont tal-finanzjament mitlub jew billi jirrinunzjaw għal għajnuna preċedenti li diġà rċevew, ma tippreġudikax l-iżvolġiment tal-proċedura ta' istruzzjoni tat-talba tagħhom, peress li l-verifika tal-kundizzjonijiet għall-kisba tal-għajnuna dwar l-osservanza tal-limitu *de minimis* isseħħ biss meta tingħata l-għajnuna. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-kumpannija Zennaro u l-Gvernijiet tal-Italja u tal-Greċja, l-impossibbiltà għal dawn l-impriżi li jbiddlu l-applikazzjoni tagħhom għal għajnuna wara l-għoti ta' għajnuna ġdida ma tistax tikkostitwixxi, fiha nnifisha, "penalizzazzjoni" tal-impriżi inkwistjoni.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1407/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li impriża, li l-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha għandu l-intenzjoni li jagħtiha għajnuna *de minimis* li, minħabba l-eżistenza ta' għajnuna preċedenti, twassal l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lil din l-impriża lil hinn mil-limitu *de minimis*, tista' tagħżel, sal-għoti ta' din l-għajnuna, it-tnaqqis tal-finanzjament meħtieġ jew ir-rinunzja, sħiħa jew parzjali, għal għajnuna preċedenti diġà rċevuta, sabiex ma taqbiżx dan il-limitu massimu.

### *Fuq it-tieni domanda*

44 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1407/2013 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li impriża li titlob għajnuna tista' tbiddel l-applikazzjoni tagħha għal għajnuna, billi tnaqqas il-finanzjament meħtieġ jew billi tirrinunzja għal għajnuna preċedenti diġà rċevuta, sabiex ma taqbiżx il-limitu *de minimis*, filwaqt li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih hija stabbilita ma tipprevedix dan.

45 Din id-domanda titlob risposta li hija intrinsikament marbuta mar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda. Minn naħa, kif ġie kkonstatat fil-punt 38 iktar 'il fuq, ir-Regolament Nru 1407/2013 ma jinkludix dispożizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom l-impriżi applikanti jistgħu, jekk ikun il-każ, jemendaw l-applikazzjoni tagħhom għal għajnuna, billi jnaqqsu l-ammont tagħha jew billi jirrinunzjaw għal għajnuna preċedenti, sabiex jiġi osservat il-limitu *de minimis* u, għaldaqstant, ma jimponi ebda obbligu fuq l-Istati Membri f'dan is-sens. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 42 u 43 ta' din is-sentenza, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-impriżi applikanti jimmodifikaw l-applikazzjoni tagħhom għal għajnuna, sabiex jiġi evitat li l-għoti ta' għajnuna ġdida *de minimis* twassal l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lil hinn mil-limitu *de minimis*, meta tali bidliet isiru qabel l-għoti tal-għajnuna *de minimis*.

46 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1407/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri ma humiex obbligati jippermettu lill-impriżi applikanti jemendaw l-applikazzjoni tagħhom għal għajnuna qabel l-għoti tagħha, sabiex ma jaqbżux il-limitu *de minimis*. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-konsegwenzi legali tan-nuqqas ta' fakultà, għall-impriżi, li jwettqu tali emendi, filwaqt li jiġi ppreċiżat li dawn jistgħu jsiru biss f'data preċedenti għal dik tal-għoti tal-għajnuna *de minimis*.

**Fuq l-ispejjeż**

47 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, għandhom jiġu interpretati fis-sens li impriża, li l-Istat Membru ta' stabbiliment tagħha għandu l-intenzjoni li jagħtiha għajnuna *de minimis* li, minħabba l-eżistenza ta' għajnuna preċedenti, twassal l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lil din l-impriża lil hinn mil-limitu ta' EUR 200 000 fuq perijodu ta' tliet snin fiskali previst fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1407/2013, tista' tagħżel, sal-għoti ta' din l-għajnuna, it-tnaqqis tal-finanzjament meħtieġ jew ir-rinunzja, sħiħa jew parzjali, għal għajnuna preċedenti diġà rċevuta, sabiex ma taqbiżx dan il-limitu massimu.**

2) **L-Artikoli 3 u 6 tar-Regolament Nru 1407/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri ma humiex obbligati jippermettu lill-impriżi applikanti jemendaw l-applikazzjoni tagħhom għal għajnuna qabel l-għoti tagħha, sabiex ma jaqbżux il-limitu ta' EUR 200 000 fuq perijodu ta' tliet snin fiskali previst fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1407/2013. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-konsegwenzi legali tan-nuqqas ta' fakultà, għall-impriżi, li jwettqu tali emendi, filwaqt li jiġi ppreċiżat li dawn jistgħu jsiru biss f'data preċedenti għal dik tal-għoti tal-għajnuna *de minimis*.**

Firem